# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA NUMRU 46

16 ta' Frar 2022

Is-sitta u erbgħin (46) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 16 ta' Frar 2022 fis-6.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

46.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

46.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

46.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

46.2.1. Il-Viċi Sindku VB ressaq il-minuti tal-erbgħa u erbgħin (44) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

46.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 44.2.4 li għandha taqra "Pjazza Robert Samut".

46.2.3. Il-Viċi Sindku VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 44.2.5 li għandha taqra "Triq FX Fenech, ħdejn il-knisja tal-Kapuċċini".

46.2.4. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, VB, JP, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota: 18:11 Is-Sindku attendiet għal-laqgħa.**

46.2.5. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-ħamsa u erbgħin (45) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

46.2.6. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, VB, JP, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

46.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 44.2.4 u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku nformat li xtaqet tirringrazzja lil ċertu Alistair mill-Enemalta li kien assista lill-Kunsill sabiex fl-aħħar ġiet mixgħula l-bozza ta' Triq San Tumas. Fir-rigward tal-wiring l-ieħor, sa dakinhar kien għad ma kellhiex risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira dwar dan.

46.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 44.2.5 u staqsa dwar iż-żabra u jekk kienx hemm xi żviluppi dwar dan in vizta li ż-żabra ssoltu tibda' f'Marzu.

46.2.8.1. Il-Viċi Sindku VB qal li kien informahom dwar iż-żabra tas-siġar ta' maġenb il-Knisja tal-Kapuċċini.

46.2.8.2. Il-Viċi Sindku VB qal li kien kellimhom ukoll dwar iż-żabra tas-siġra li hemm maġenb in-niċċa tal-Kurċifiss.

46.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 44.2.6 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tad-dawl kif ukoll jekk kienx hemm indikazzjoni dwar meta ser jitlesta l-proġett ta' Ġnien il-Mall. Is-Sindku qalet li minn informazzjoni li għandha jidher li l-proġett ta' Ġnien il-Mall kien ser ikun konkluż sa Marzu. Hija qalet li jidher li d-dewmien kien minħabba li l-Enemalta ma kellhiex xi cables tad-dawl u għalhekk ma setax jitkompla l-wiring fi Triq Sarria. Hija qalet li issa jidher li l-wiring kien wasal u kien qed jitpoġġa.

46.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 44.2.8 u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar l-iskart fil-masġar ta' ħdejn l-Isptar Sir Paul Boffa.

46.2.10.1. Is-SE qal li kien iċċekkja l-kuntratt li l-Kunsill għandu dwar is-soft areas u jidher li dik il-biċċa ma kienitx imniżżla fil-kuntratt. Huwa żied jgħid li minkejja dan, hemm klawsola fil-kuntratt li tippermetti li l-Kunsill iżid żoni oħra maż-żmien u għalhekk kien informa lill-kuntrattur sabiex din iż-żona tiżdied mal-lista ta' soft areas oħrajn li jsiru regolarment.

46.2.10.2. Il-Viċi Sindku VB qal li meta l-Kunsill jiġi biex jagħmel il-kuntratt il-ġdid għandu jieħu ħsieb jara li jibdiha minn Triq San Franġisk għat-Telgħa tal-Kurċifiss.

46.2.11. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 44.5.1 u staqsa jekk irċevejnix risposta mingħand l-Avukat rigward il-kwistjoni tal-Fosos. Is-SE informa li kien bagħatlu email iżda sa dakinhar kien għad ma kellux risposta.

46.2.12. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 44.5.7 rigward il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos u qal li kien talab biex jara fejn kienu qed jinżammu. Is-Sindku qalet li kienet kellmet lill-MTA iżda ma kellix risposta. Hija qalet li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienet issuġġeriet li tinżamm laqgħa magħhom u għandha tgħaddi komunikat iktar tard matul il-laqgħa dwar dan.

## 46.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

46.3.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Tikka Malti fejn wara li kienu ġew ikkuntattjati mill-Kunsill b'talba għall-korrezzjoni, wieġbu li kienu innutaw dan u li kienu ser jagħmlu -korrezzjoni mat-talba għall-istampa li jmiss.

46.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Gwardjan tal-Fraternita Patrijiet Franġiskani Kapuċċini Floriana fejn offra lill-Kunsill li b'mod konġunt jiġi ppublikat ktieb li jittratta riċetti antiki u artikli dwar drawwiet. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450.

46.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand persuna li offriet lill-Kunsill jorganizza kors rigward prevenzjoni ta' nirien fid-djar li jiġi organizzat fid-Dar tal-Kunsill, għall-prezz ta' €50 kull persuna.

46.3.3.1. Il-Kunsillier JAE qal li ftit tax-xhur ilu meta l-Kunsill kien tkellem mas-Civil Protection Department, kien hemm il-ftehim li jorganizzaw xi korsijiet huma għar-residenti.

46.3.3.2. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mas-Civil Protection Department sabiex jara l-alternattivi tiegħu.

46.3.4. Is-Sindku ressqet kommunikazzjoni mingħand is-Sur Malcolm Galea dwar proġett teatrali fil-lokalità. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' miegħu sabiex jifhem eżatt x'qed jipproponi.

46.3.5. Is-Sindku ressqet proposta mingħand negozjant li talab biċċa mill-aċċess taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V sabiex ikun jista' jagħmel titjib u rinnovazzjoni tar-ristorant tiegħu. Huwa talab ukoll permess sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa miegħu fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill sabiex ikun jista' jiddiskuti din it-talba f'iktar dettall. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jiltaqa' mas-Soprintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

46.3.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn offrew lill-Kunsill jirriklama fil-pubblikazzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel li jagħmel ir-riklam tal-€100.

46.3.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Wasteserv Malta fejn informaw lill-Kunsill li kienu ser jagħmlu ground-penetrating radar investigation fi Triq Sant'Anna fuq perjodu ta' ħamest ijiem. Huma talbu l-permess tal-Kunsill sabiex f'dawk il-ħinijiet jitneħħew il-vetturi pparkjati fiż-żona. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jinforma lir-residenti taż-żona b'dan.

46.3.8. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-editur tal-Gazzetta Il-Furjana fejn offrew lill-Kunsill jirriklama fil-ħarġa speċjali tal-gazzetta. Il-Kunsill qabel li jagħmel ir-riklam ta' €575.

46.3.9. Is-Sindku għamlet riferenza għall-bżonn ta' tibdil fid-dawl ta' Triq Sant'Anna u qalet li kienet tkellmet ma' persuna li kien lest jagħti stima għal dan ix-xogħol.

46.3.9.1. Il-Viċi Sindku VB ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-MTA u ma' tal-Kultura sabiex jitlob l-assistenza.

46.3.9.2. Is-Sindku qalet li dawn l-entitajiet iħallsu €100 lill-Kunsill kull meta jitolbu li jinxtegħel id-dwal.

46.3.9.3. Il-Viċi Sindku VB qal li dik il-miżata kienet neċessarja biex tkopri l-kont tad-dawl u spejjeż ta' manutenzjoni bħal qtugħ ta' bozoz.

46.3.9.4. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien ser jiltaqa' mal-MTA fuq hekk ukoll. Il-Viċi Sindku VB qal li l-Kunsill m'għandux jiltaqa' biss mal-MTA imma anke ma' tal-Kultura.

46.3.9.5. Il-Kunsillier AD qal li l-aħjar entità tkun il-Kumitat Festi Nazzjonali.

46.3.9.6. Is-SE ippropona li l-Kunsill jitlob stimi huwa stess qabel ma jiltaqa' mal-entitajiet u dan sabiex ikollu l-informazzjoni neċessarja u idealment jitlob ftit mingħand kull entità.

46.3.9.7. Il-Kunsill qabel li jitlob stimi u qabel li jiltaqa' ma' din il-persuna sabiex jara kemm tiġi l-ispiża.

46.3.9.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-fanali li m'humiex jixgħelu. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-Enemalta.

46.3.10. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand The Notebook Centre fejn offra lill-Kunsill sabiex iġedded il-ftehim tal-manutenzjoni ta' kompjuters u laptops tar-residenti. Is-SE qal li kien talab lill-kuntrattur rapport ta' kemm-il persuna użat is-servizz f'din l-aħħar sena u ippropona li minn dik is-sena, tinħoloq xi tip ta' sistema bħal per eżempju, isiru xi vawċers li jinġabru mil-Kunsill, u dan sabiex il-Kunsill ikollu kontroll aħjar. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju.

## 46.4 RAPPORTI

46.4.1. Il-Kunsilliera JP qalet li kienet iltaqgħet mas-Surġent rigward ir-rilokazzjoni ta' qtates fi Ġnien San Filippu. Hija qalet li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li ssir ir-rilokazzjoni irid isir xi xogħol ta' manutenzjoni minħabba s-sigurtà. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jitkellem mas-Surġent nhar il-25 ta' Frar fl-10am sabiex il-materja tiġi diskussa f'iktar dettall.

46.4.2. Il-Viċi Sindku VB informa li r-Reġjun Port issa għandu sitt uffiċjali li kienu bagħtu lill-Kunsill sabiex jiltaqgħu miegħu.

46.4.3. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-President tar-Reġjun kien informaha li kien ser jassenja xi ħaddiema manwali biex jassistu lill-Kunsill għall-ħabta ta' nofs Marzu.

46.4.3.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jara jekk jistgħux jagħmlu l-bankina ta' ħdejn l-Ambaxxata.

46.4.3.2. Is-Sindku qalet li kien hemm bżonn li ssir ukoll il-bankina ta' Triq l-Iljun u l-biċċa ta' Triq il-Fosos.

46.4.3.3. Is-SE qal li apparti dawn, kien hemm bżonn li jassistu lill-Kunsill fit-toqob tal-arbli tal-festa.

## 46.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

46.5.1. Il-Kunsillier JAE ressaq ilment mingħand resident dwar iz-zebra crossing li hemm fi Triq il-Mall fejn it-tabella tgħid "look right" meta din għandha tindika li wieħed irid iħares lejn iż-żewġ naħat. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jgħaddi s-suġġeriment tiegħu lil Transport Malta.

## 46.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

46.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 46.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

46.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 33/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

46.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 46.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI FINANZJARJI TAT-TIENI U T-TIELET KWART 2021

46.8.1. Is-SE ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapporti finanzjarji tat-tieni u t-tielet kwart tas-sena 2021.

46.8.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji, bir-riżultat ikun wieħed favur b'mod unanimu.

## 46.9 JUM IL-FLORIANA

46.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li tħoss li din l-attività tista' tiġi organizzata in viżta li r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija kienu qegħdin jiġu rilaxxati. Hija qalet li l-attività ser tinżamm fit-22 t'April 2022 u għalhekk jekk hemm qbil, ipproponiet li jinfetħu l-applikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

46.9.2. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar l-għażla tal-personaġġi. Is-Sindku qalet li dawn għandhom jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

## 46.10 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR MEKKANIZZAT

46.10.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kienet qed tistenna min-naħa tal-MTA sabiex il-Kunsill jingħata appuntament għal-laqgħa. Hija qalet li għandha tinforma lill-Kunsill appena jkollha risposta.

## 46.11 ŻJARA TAL-PAPA FIL-LOKALITÀ

46.11.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li wara li ħarġet fil-media li l-Papa kien ser iżur il-Floriana, xtaqet tipproponi li tinżamm laqgħa mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkordina l-affarijiet aħjar min-naħa tiegħu.

## 46.12 **ATTIVITAJIET FLORIANA AJAX**

46.12.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li suppost kellhom jibgħatu xi korrispondenza min-naħa tagħhom iżda jidher li sa dakinhar il-Kunsill kien għadu ma rċieva xejn. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jibgħatilhom tfakkira sabiex din il-materja tkun tista' tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

46.12.2. Is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jinformaw lill-għaqdiet lokali biex meta jressqu t-talbiet tagħhom dawn ikunu b'mod dettaljat u ċar, u dan anke sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwa t-talba sew u ma jkunx hemm miskomunikazzjoni.

## 46.13 **APPLIKAZZJONI SKEMI URBAN GREENING 2022 U SENIOR CITIZEN CENTRE;**

46.13.1. Is-Sindku informat lill-Kunsill bl-iskema l-ġdida tal-Urban Greening.

46.13.2. Is-SE qal li kien tkellem mar-rappreżentant tal-Perit tal-Kunsill fejn identifika xi siti li jistgħu ikunu applikabbli bħalma huma Pjazza Robert Samut u n-naħa ta' Binja Vilhena.

46.13.3. Is-SE qal li kien mar fuq iż-żewġ siti mal-periti u kienu identifikaw Ġnien Vilhena bħala l-post li għandu l-iktar potenzjal għal din l-applikazzjoni. Huwa qal li l-Kunsill kien limitat ħafna x'jista' jagħmel ħlief għal xi bankijiet u xi passaġġi bid-dawl.

46.13.4. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu japplika għaż-żona ta' maġenb Binja Vilhena.

46.13.5. Is-SE informa lill-Kunsill li fis-sezzjoni tal-equipment relatata mal-istima tal-ispejjeż tas-Senior Citizen Centre kien baqa' bilanċ u għalhekk qed jitlob l-approvazzjoni tal-kunsill biex minn dan il-bilanċ jinxtraw laptops li jikkumplimentaw is-sezzjoni tal-IT kif ukoll jiżdied sufan ieħor, u mejda u siġġijiet. Il-kunsill approva b'mod unanimu.

## 46.14 **TENDER GĦAS-SERVIZZ TA' ACCOUNTANT U ACCOUNTS TECHNICIAN**

46.14.1. Is-SE talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun jista' jinħareġ tender għal accountant u accounts technician. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

## 46.15 **TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

46.15.1. Il-laqgħa intemmet fit-20:05 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 16 ta' Marzu 2022 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 16 ta' Marzu 2022**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Davina Sammut Hili | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |